KLR 7/VI/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2009 fil-17.00.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**1. Mill-Minuti KLR 5/VI/2009**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Perit Alan Saliba ma jistax jagħmel ix-xogħol ta' l-*internal audit* fuq il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ minħabba mpenji oħra. Hu ssuġġerixxa lill-Perit Valerio Schembri li huwa ukoll perit li jitqabbad mill-Qorti fuq perizji. Il-membri qablu.

Il-membri qalbu li tintbagħat ittra lis-sidien tal-ħwienet tax-xorb ta' Pjazza San Ġorġ sabiex jagħmlu l-lastiku taħt l-umbrellel biex ma joħroġx sadid fuq il-granit ta' l-art.

Qablu wkoll li jsir ringrazjament lill-Pulizija tas-servizz li qed joffru fi Pjazza San Franġisk. Is-Sindku kkonferma li dan is-servizz ser jibqa' jiġi offrut biex tinżamm aktar ordni f'din il-pjazza.

Għanda tinġibed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali sabiex jieħdu ħsieb il-vetturi pprakjati ħażin fi Pjazza Indipendenza.

L-uffiċċjal awtorizżat mill-gwardjani lokali għandu jiġi nfurmat li t-*traffic management camera* għandha ssir bi prova fi Pjazza Savina.

1.6 Il-kunsillier Schembri, għarraf lill-preżenti li saru xtieli ġodda fir-*roundabout* ta' l-entratura tar-Rabat fi Triq l-Imġarr.

1.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li jittama li l-laqgħa li saret nhar il-11 ta' Settembru 2009 kienet l-ewwel u l-aħħar laqgħa li kellu jxolji.

1.8 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsilli Għawdxin issottomettew applikazzjoni taħt il-proġett Leader fi ħdan l-Unjoni Ewropea li jkopri fondi sabiex issir s-senjaletika standard fit-toroq li tkun ta' għajnuna kemm għall-*pedestrians* u kemm għas-sewwieqa.

**2. Mill-Minuti KLR 6/VI/2009**

Dwar l-egħluq ta' Triq Vajrinġa waqt li l-istudenti jkunu ser jidħlu l-iskola, is-Sindku suġġerixxa li tiġi magħluqa fit-08.10 minflok fit-08.00 kif inhi fil-preżent. Dan kif ikunu magħluqa t-toroq f' lokalitajiet fejn hemm skejjel primarji. Il-membri qablu ma dan u għandu jintalab il-permess ta'l-Awtorita' dwar it-Trasport (ADT).

**3. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 35 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mill-kunsillier Portelli.

**Nitlob sabiex titranġa bankina fi Triq Għar Gerduf peress li s-sid ħariġlu l-permess biex jiftaħ bieb ta' garaxx fid-dar tiegħu. Ix-xogħol tal-garaxx lest u jmiss li titbaxxa l-bankina u ssir rampa.**

Il-membri qablu u għandha tinġab il-kopja tal-permess tal-MEPA.

Mozzjoni 36 ġiet imressqa mill-kunsillier Portelli u ssekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Qed inressaq din il-mozzjoni favur il-wirt kulturali ta' Beltna. Matul dawn l-aħħar snin, diversi residenti nnutaw u anke' ġibdu l-attenzjoni fuq il-fatt li l-wirt kulturali mhux qed jiġi mħares kif suppost. B'dispjaċir ikolli nirrimarka li dan huwa minnu. Għalhekk, bħala sinjal ta' rieda minn naħħa tal-Kunsill u anke' biex nuru bil-fatti li dan il-Kunsill huwa differenti minn dawk ta' qablu, nipproponi li nibdew billi nirrestawraw erba' niċċeċ li hawn imsemmija u li għandhom bżonn ta' attenzjoni immedjata. Dawn huma n-niċċa ta' San Alwiġi fi Triq Karita', San Ġorġ tal-Ħaġar u l-istatwi tas-Salvatur u San Franġisk fi Triq il-Kapuċċini**.

Il-membri qablu li jintalab lill-Fondazzjoni Wirt Għawdex sabiex tgħin lill-Kunsill fir-restawr ta' l-ewwel tnejn imsemmija. Għal dawn il-Kunsill għandu l-permess tal-MEPA. Rigward it-tnejn ta' l-aħħar il-membri qablu li jsir suġġeriment lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir ir-restawr fuqhom. Dawn jinsabu f'arterja prinċipali.

Mozzjoni numru 37 ġiet imressqa mill-Kunsillier Portelli u ssekondatata mis-Sindku.

**Permezz ta' din il-mozzjoni niġbed l-attenzjoni fuq il-periklu kontinwu li għalih huma esposti l-*pedestrians* fi Triq il-Kapuċċini. B'sewqan esagerat u rresponsabbli minn xi sewwieqa din it-triq saret perikoluża ħafna. Għalhekk ħassejt li għandi nressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn is-suġġerimenti biex tittieħed azzjoni minnufih qabel ma tiġri xi disgrazzja. (i) Li l-*pedestrian crossing* ta' maġenb Triq Mattia Preti tiġi *upgraded* bl-istallazzjoni ta' *pelican lights* u bil-*floodlights* rikjesti skond ir-regolamenti biex tkun viżibli għas-sewwieqa mill-bogħod, (ii) li ssir *pedestrian crossing* quddiem il-knisja tal-Kapuċċini u li jkollha d-dawl kollu meħtieg, (iii) issiru *speed cameras* bejn iz-żewġ *pedestrian crossings* imsemmija u (iv) l-preżenza aktar regolari tal-gwardjani lokali għall-ħarsien kontra parkeġġ illegali.**

Il-membri qablu ma dawn is-suġġerimenti u l-perit għandu jagħmel pjanta ta' Triq il-Kapuċċini li turi l-*pedestrain crossing* proposta quddiem il-knisja biex tintbagħat lill-ADT għall-approvazzjoni.

Mozzjoni numru 38 ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Permezz tal-preżenti nipproponi illi nibdew il-proċeduri kollha sabiex il-Belt tagħna tiġi ġemellata mal-Belt ta' Comacchio li tagħmel parti mill-provinċia ta' Ferrara, reġjun fl-Emiglia Romagna fl-Italja. Comacchio hija Belt storika u attiva li għandha similaritajiet u kuntrasti mal-Belt Victoria. Huwa fl-interess tal-Belt tagħna u l-komunita` li nirrappreżentaw illi nsaħħu r-realzzjonijiet bilaterali tagħna ma xulxin sal-livell ta' ġemellaġġ. Għaldaqstant nitlob li tiġi approvata dina l-mozzjoni. U dan dejjem fl-interess suprem ta' Beltna.**

Il-membri qablu ma din il-mozzjoni u bejn il-21 u d-29 ta' Ottubru 2009 is-Sindku ser jagħmel l-ewwel żjara tiegħu f'Comacchio fejn ġie mistieden għal diversi laqgħat. Il-Kunsill ser iħallas biss it-titjira għall-Italja. Miegħu ser ikun hemm rappreżentatni tal-Koperattiva Gozitano bil-prodotti tagħhom.

## 4. *Disposal Fee* għar-rimi ta' l-iskart.

Matul l-aħħar ħdax-il sena ddaħlet teknoloġija ġdida meħtieġa biex l-iskart fil-*landfills* ma jikkawżax ħsara lill-ambjent u saħħet ir-residenti. L-ispiża biex jinbnew l-*engineered landfills* li jinvolvu bini ta' saffi b'materjal speċjali li jagħtu l-protezzjoni meħtieġa kif ukoll jintuża metodu speċifiku ta'stivar u ppakjar ta' l-iskart, qed tiswa lill-Gvern madwar €6 miljun fis-sena. Din l-ispiża tfisser li kull tunnellata ta' skat li titpoġġa ġo l-*engineered landfill* tiswa madwar €30; din il-figura tinkludi l-ispiża għall-*capping* u restawr finali tal-*landfill.* Il-Gvern approva sensiela ta' tariffi ġodda għar-rimi ta' l-iskart fil-faċilitajiet pubbliċi u nħareġ avviż legali li jemenda l-AL 128 ta' l-1997. It-tariffi l-ġodda ġew fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru u t-tariffa li l-Kunsill għandu jħallas għall-iskart riċiklat hi ferm inqas minn dik li jħallas għall-iskart mħallat.

Il-membri qablu li l-Kunsill iħallas it-tariffa tad-djar privati, pero' mhux it-tariffa li tkopri l-iskart iġġenerat mill-ħwienet u ser jipproponi lis-sidien tal-ħwienet u stabbilimenti kummerċjali jidħlu fi ftehim ma kuntratturi li għandhom il-permess jużaw il-faċilitajiet tal-*landfill*s, sabiex l-iskart mill-ħwienet jinġabar privatament. Il-Kunsill ser jagħmel ġimgħa ta' monitoraġġ fejn mat-trukk tal-ġbir ta' l-iskart domestiku jkun hemm gwardjani lokali li fejn jinnotaw li dan il-ftehim għadu ma sarx, javżaw lis-sidien tal-ħwienet li l-iskart ma jistax jibqa jinġabar ma' l-iskart domestiku. Il-ġimgħa ta' wara l-gwardjani lokali ser jimmultaw fejn jaraw li l-ftehim ikun għadu ma sarx.

## 5. Offerta – xiri ta' kompjuters

Infetħu l-offerti għax xiri ta' kompjuters. Din skond dokument A anness. Billi ntefgħet offerta waħda il-memebri għażlu lil Right Click biex jipprovdi dawn il-kopjuters.

## 6. Monti

Is-Sindku ressaq il-proposti tal-Perit tal-Kunsill sabiex il-monti ta' Pjazza Indipendenza jiġi spostjat għal Pjazza Savina. Din hi alternattiva li hi koperta wkoll bil-liġi tal-monti. Il-porposti li tressqu huma spjegati fi pjanti li ħejja l-perit u l-membri qablu unanimament li jiġi propost li jsir skond dokument b anness. Il-postazzjoni lill-bejjiegħa tal-monti tingħata fuq sistema ta'rotazzjoni.

**7. *Christmas Village***

Is-Sindku għarraf lill-membri li ser iġib kwotazzjonijiet sabiex jintramaw it-tined fi Pjazza San Ġorġ. Issuġġerixxa li l-Għaqda ta' l-Armar ta' San Ġroġ tħejji armar li għandu x'jaqsam mal-Milied fjen t-tfal ikunu jistgħu jieħdu r-ritratti ma *Father Christams*. (Dan wara li l-Kunsill qabbad lill-Għaqda ta' l-Armar ta' Santa Mairja sabiex jgħinu fl-armar waqt il-*Wine Festival* ta' Awwissu.) Ser tintbagħat korrispondenza lill-ħwienet li jbiegħu affarijeit tal-Milied jew jagħmlu xogħol ta' artiġjanat sabiex jekk ikunu nteressat jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din l-attivita'. Ir-ristorant li hemm fi Pjazza San Ġorġ aċċetta wkoll li joffri menu li jkun tipiku tal-Milied.

**8. Programm attivitjajiet tal-Milied**

Is-Sindku għarraf lill-membri li s-sotto-kumitat taż-żgħażagħ qed iħejji l-progamm għall-attivitajiet tal-Milied u lejliet l-ewwel tas-sena. Dawn qed jaħdmu fuq bażi volontarja u Melanie Żammit qed toffri għajnuna siewja fit-tħejjija tal-programm. Ser jintbgħatu l-ittri għat-tabliet tar-reklami. Is-Sindku ressaq talba fejn ġie propost li fi Pjazza Indipendenza, bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena, ssir *show* ta' żfin bl-isem 'Unforgettable'. Din taħt id-direzzjoni ta' Nathalie Sciortino li mhix qed titlob ħlas. Il-membri qablu li tingħata għajnuna fis-sound, palk u dawl. Qablu wkoll li t-tinda fi Pjazza Indipendenza tintrema għall-attivita' tal-Community Chest Fund li ser issir fis-26 ta' Diċembru 2009. Il-kunċert li jsir is-soltu mill-Chorus Urbanus ser isir fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar is-Sibt 19 ta Diċembru 2009 fit-20.00.

**9. Bord ta' l-għażla għall-iskrivan il-ġdid**

Il-membri qablu li dan il-bord ikun kompost hekk:- Is-Sindku, Dr. Michael Portelli u Josef Schembri minn naħħa tal-Kunsill u Nancy Grech u Pauline Grech li jiġu magħżula fuq bosta bordijiet tal-Gvern.

**10. *Equipment* fil-*playing field* taċ-Ċawla**

Il-membri qablu li l-*merry-go round* li hemm fil-*playing field* f'taċ-Ċawla H. E. titneħħa peress li hi perikoluża għat-tfal. Minflok il-Kunsill għandu jġib stima mingħand it-Taqsima tat-Toroq fi ħdan il-Minsteru għal Għawdex sabiex jagħmel *gazebo* għall-użu ta' min jiffrekwenta din l-*area*.

**11. Triq Mons. Luiġi Vella**

Is-Sindku propona li Triq Mons. Luiġi Vella tinfetaħ għat-traffiku matul il-lejl ukoll, jiġifieri ma tibqax magħluqa bejn id-21.00 u l-05.00. Hu spjega li meta ngħalqet din it-triq matul il-ħin ta' bil-lejl, ġew affetwati t-toroq alternattivi fosthom il-kantuniera dejqa li hemm fi Triq Sant. Ursola. Barra minn hekk bosta residenti Rabtin għadhom jilmetnaw fuq l-egħluq ta' din it-triq u fuq iċ-ċitazzjonijiet li qed jingħataw. Din ingħalqet għat-traffiku fil-ħin imsemmi fl-2005. Wara diskuzzjoni mill-membri s-Sindku propona li ssir votazzjoni fuq il-porposta tiegħu. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Theuma qablu mal-proposta, il-kunsilliera Debrincat u Buttiġieġ ma qablux u l-kunsillier Portelli u Schembri astjenew. Għaldaqstant fuq deċiżjoni tal-maġġoranza, il-Kunsill għandu jitlob lill-ADT sabiex Triq Mons. Luiġi Vella tkun miftuħa għat-traffiku 24 siegħa kuljum.

## 12. Triq Vajrinġa

Is-Sindku suġġerixxa li titressaq proposta lill-ADT sabiex l-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa tinfetaħ għall-vetturi tqal. Dan minħabba l-fatt li s-sewwieqa ta' dawn il-vetturi, biex minn Pjazza San Franġisk jgħaddu għal Pjazza Sant Wistin qed ikollhom jiksru għal Triq Enriko Mizzi u jitilgħu għal Triq Sir Arturo Mercieca. Il-membri qablu.

## 13. Telgħa tal-Belt

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Ministeru għar-Rożorsi u l-Affarijet Rurali għamel xogħol ta' restawr fuq it-turġien tat-toroq Santa Ursola u San Ġwann fil-Belt Valletta. Minbarra r-restawr ingħatat kisja bucciarda sabiex it-turġien ma jiżolqux. Issuġġerixxa li jintalab lil dan il-Ministeru sabiex jekk ikun possibbli jsir restawr simili fuq it-taraġ tat-Telgħa tal-Belt jew li inkella juruna t-teknika li użaw fild-dawl tal-fatt li l-MEPA issibha diffiċli li taċċetta intereventi fuq l-istess taraġ.

## 14. Pjazza Sabina

Kif approvat fil-pjanta tal-monti f'dokument b anness il-Perit immarka *roundabout* u l-bankini fi pjazza Sabina. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex isir dan it-*traffic management.* Barra minnhekk qablu wkoll sabiex jintalab lill-ADT ma tippermettix aktar karozzi tal-linja li jkollhom *tours* ta' touristi jinżlu f'din il-Pjazza. Dan minħabba l-konġestjoni kbira ta' traffiku li tinħoloq meta jkun hemm karozza tal-linja għal tul ta' ħin.

## 15. Triq Aġius De Soldanis

Fil-Kunsill preċedenti nħarġet offerta għall-kisi bil-porfido jew slate għall-isqaqien. Bħala *sample* ittieħed sqaq fi Triq Aġius De Soldanis. Il-membri qablu li l-perit għandu jikkalkula l-prezz fuq l-offerta ta' Buġeja Bros. (Gozo) Ltd. li kienet l-orħos offerta u diġa' ġiet aġġudikata lil din il-kumpanija mill-Kunsill preċedenti. Il-Perit għandu jressaq il-prezz fianli skond ir-rati offruti mingħand Buġeja Bros (Gozo) Ltd.

## 16. *Local Plans Finalisation*

Rigward il-finalizzazzjoni tal-Pjan Lokali, il-membri qablu li l-*playing field*, il-*bus terminus*, il-parkeġġ il-kbir u l-grawnd Leli Farruġia għandhom jibqgħu fil-post kif inhuma fil-preżent. Fil-*playing field* għandu jkun hemm lok għall-bini tal-kalbb tal-futbol ta' l-S.K. Victoria Wanderers u anke' tittieħed in konsiderazzjoni li l-Kunsill ser jirranġa l-*playing field* in kwistjoni li tinkludi l-kiosk. Il-Kunsill jaqbel ukoll li għandu jkun hemm passaġġ pedonali mill-parkeġġ il-kbir għal Pjazza San Franġisk.

17. ***EU projects update***

Is-Sindku għarraf lill-membri li qed jiġu finaliżżati l-proġetti proposti f'KLR 5/VI/2009.

**18. Jum il-Ħajja – 7 ta' Frar 2010**

Il-ko-ordinaturi ta' Dar Ġużeppa Debono talbu l-permess tal-Kunsill sabiex tiġi organiżżata attivita' fi Pjazza Indipednenza fis-7 ta' Frar 2010 fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu joffri l-għajnuna tiegħu fl-organiżazzjoni u fil-loġistika ta' din l-attivita'.

**19. Kunsill Żgħażagħ Belt Victoria – *Launch***

Is-Sindku għarraf lill-membri li s-sotto-kumitat taż-żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill jixtieq itella' attivita' fejn jagħmel il-*launch* ta' dan il-kumitat. Il-membri qablu li din l-attivita' ssir fi pjazza San Ġorġ lejn l-aħħar t'Ottubru jew il-bidu ta' Novembru 2009.

**20. Kunsill Lokali Żgħażagħ – 2009/2010**

Il-proġett Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ġie mniedi mis-Segreatarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport sabiex jgħati l-opportunaita' liż-żgħażagħ ta' bejn l-14 u 17-il sena jieħdu sehem fi djalaogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu temiet ta' mportanza li għandhom x'jaqsmu mal-lokal rispettiv tagħhom. Il-membri qablu li għanda tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

**21. *Traffic Management Plan***

Il-membri qablu mas-suġġeriment tas-Sindku, li tintalab il-koperazzjoni ta' l-ADT, l-Ministeru għat-Trasport u anke' s-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku sabiex isir studju ta' *traffic management* professjoniali għar-Rabat.

**22. *Social Policy Committee***

Is-Sindku ssuġġerixx li f'dan il-kumitat minbarra s-sehem tiegħu u tal-kunsillier Portelli jkunu parti minnu Rosalie Scicluna, Pauline Camilleri u Grace Galea. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinfurmhom sabiex jara jekk jaċċettawx li jagħtu sehemhom.

**23. Korrispondenza**

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:-

23.1 il-Mepa fejn,
i) sa l-aħħar ta' Awwissu 2009 l-EIPP kien ta' €98,607, l-UIF kien ta' €25,170 u s-CPPS kien ta' €659,254;
ii) inħareġ il-permess sabiex tinqala' siġra (quercus ilex) fi Triq Savatoer Psaila li tinsab f'nofs ta' drive-in. Il-membri qablu li għandha tintalab il-koperazzjoni tad-Dipartiement ta' l-Agrikultura;

23.2 it-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar Lejlet Lapsi – Notte Gozitana 2010 li ser issir bejn l-14 u s-16 ta' Mejju 2010;

23.3 l-ADT rigward talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' Francis Debattista, 'San Giorgio', Triq Arċisqof Pietru Paċe. Il-membri qablu li timtela l-formola tas-soltu;

23.4 it-Taqsima tal-Kultura rigward il-Karnival 2010. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li mhux ser isir Karnival fl-irħula. Il-membri qablu li l-Kunsill jesplora l-possibilita' li s-Sibt filgħaxija jiġi organiżżat Karnival fuq stil antik fit-toroq dojoq tar-Rabat. Jistgħu jiġu nvoluti s-soċjetatjiet tal-Baned biex joffru l-għajnuna tagħhom;

23.5 is-Segretarja tal-Wirja Biedja u Snajja 2009 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li t-tined li ntramaw fil-grawnd Leli Farruġia kellhom jitneħħew minn naħħa tat-Taqsima tal-Kultura u l-ħmieġ li tħalla miż-żwiemel tneħħa minn membri tal-Victoria Hotspurs F.C. wara li sar ftehmu mat-Teżorier tal-Wirja u dan sabiex idaħħlu l-karozzi jipparkjaw fil-grawnd filgħodu kif isir is-soltu;

23.6 l-*Operations Manager* mill-*Wastewater Operations* mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma rigward problema li nqalet f'81/82 Triq Santa Marija. Meta l-Kunsill kien għamel il-*water culverts* għall-ilquħ ta' l-ilma tax-xita saret xi ħsara fil-*main* tad-dranġġ. Il-ħsara tranġat minn naħħa ta'din it-taqsima.

23.7 l-SPCA sabiex tiġi organiżżata attivita' fil-*Bus Terminus* nhar it-13 ta' Diċembru 2009. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess tal-*one day event*;

23.8 in-nursury tal-Victoria Hotspurs F.C. fejn talbu għajnuna sabiex tiġi organiżżata attivita' man-nursurey tax-Xagħra F.C. Din it-talba ma ġietx aċċettata peress li tmur kontra r-regolamenti tal-Kunsill;

23.9 il-Helping Hands Group fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill saabiex jiġu oganiżżati żewġ attivitajiet kulturali. Din it-talba ma ġietx aċċettata peress li tmur kontra r-regolamenti tal-Kunsill;

23.10 Dr. Kenneth Saliba fejn bagħat xi suġġerimenti lill-Kunsill rigward l-geħluq ta' Triq Mons. Luiġi Vella bil-lejl;

## 24. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

24.1 tintbagħat korrispondenza lir-residenti ta' Triq Sant Indrija peress li hemm min qed joħroġ l-iskart domestiku quddiem djar ta' ħaddieħor;

24.2 rigward l-iskema ta' lokalitajiet indaf, issir attivta' nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru 2009 fejn isir tindif mill-qiegħ tal-widien ta' Żejta u tax-Xkora u fil-*playing field*. Dan bil-għajnuna tal-Victoria Scout Group. Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said u d-Dipartiment għal-Gvern Lokali għandhom jiġu nfurmati b'dan;

24.3 jitkomplew il-bankini fejn tlesta l-bini fi Triq Francesco Masini;

24.4 jsiru l-għotien ta' l-antarjoli fi Triq il-Kapuċċini. Dawn kienu ġew approvati fir-raba' Kunsill;

24.5 qabel jintramaw l-antarjoli (f'kull parti tar-Rabat) tintalab garanzija fi flus biex jekk l-għotien jinkisru, l-Kunsill ikollu x'jagħmel tajjeb sabiex iħallas l-ispejjes tat-tiswija;

24.6 ix-xogħol ta' tneħħija ta' *hedges* u ċint ta'żewġ filati jsir minn Nicky Saliba li offra l-orħos prezz ta' €650 Vat inkluża;

24.7 jintalab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex it-toroq Dun Pawl Micallef, San Ġużepp Labre', l-parti t'isfel ta' Fortunato Mizzi, Karlu Galea, Universitas, tal-Far, Kunsill Ċiviku, Viani u ta' wara The Duke jiddaħlu fl-iskema ta' Żona A;

24.8 l-bankijiet madwar il-grawnd tat-turf f'taċ-Ċawla H.E. jiswew €142.93 Vat inkluża. Il-membri qablu li dawn ma jsirux għal issa minħabba l-ispiża;

24.9 titranġa l-bankina quddiem garaxx ma' 'Assunta', fi Triq Sir Luiġi Camilleri. Dan minħabba l-fatt l-vettura ma tkunx tista' tidħol fil-garaxx kif inhi fil-preżent;

24.10 jiġu approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Ottubru 2009 skond dokument ċ anness;

24.11 l-Kunsill jipparteċipa fil-Victoria Interantional Arts Festival;

24.12 proviżorjament jitneħħa l-bank li hemm quddiem il-ħanut 'Bee Hive' fi Pjazza San Franġisk;

24.13 titranġa bankina fi Triq it-8 ta' Diċembru quddiem post kantuniera ta' Maria Buttiġieġ;

24.14 jintalab il-parir ta' l-ADT sabiex ma jitħallewx vetturi tqal jgħaddu mill-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika;

24.15 il-membri qablu li l-Kunsill jiehu sehem fl-opri organizzati fir-Rabat;

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-membri li:-

24.16 fit-12 ta' Settembru 2009 il-Kunsill daħħal €20,000 mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali taħt l-iskema Fondi Speċjali u fil-15 ta' Settembru 2009 daħlu €18,502.36 mill-applikazzjoni li saret mal-Kummissjopni Ewropea għall-ġemellaġġ li sar ma Nichelino;

24.17 l-Qorti t'Għawdex ħarġet mandat ta' sekwestru fuq il-kawża ta' George u Miriam Grech kontra Gatt Asphalting Ltd u l-Kunsill Lokali tar-Rabat. Dan fuq inċident li kien inqala' meta l-Kunsill kien qed jiksi bit-tarmac Triq it-8 ta' Diċembru. L-ammont li jrid jitħallas hu ta' €13,515.85 li żewġ terzi minnu jrid jitħallas minn Gatt Asphalting Ltd u terz mill-Kunsill. Is-Sindku għarraf lill-membri li qed isir ix-xogħol meħtieġ sabiex l-ammont kollu jitħallas mill-kumpanija tat-tarmac peress li skond il-kuntratt hi l-kumpanija li hi responsabbli mis-sigurta' fit-triq meta jkun għaddej ix-xogħol.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgha 18 ta' Nivembru 2009 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |